

LINJI GWIDA GĦALL-GĦALLIEMA

MODULU 3 - IL-LOGĦBA TAL-FATTI TAL-UE

Din il-logħba tal-kards hija bbażata fuq il-prinċipju ta' mistoqsija u tweġiba. Il-mistoqsijiet huma dwar l-istorja tal-Unjoni Ewropea u l-UE b'mod ġenerali. Aktarx li l-istudenti mhux se jkunu jafu l-maġġoranza tat-tweġibiet minn qabel. Il-metodu użat f'din il-logħba jinkoraġġixxi lill-istudenti **jimmemorizzaw** it-tweġibiet għall-mistoqsijiet u, għalhekk, jiksibu għarfien dwar l-UE waqt li jilagħbu.

Wara li tintlagħab il-logħba, l-għalliem jista' jagħżel li jipprovdi aktar informazzjoni dwar is-suġġett.

METODOLOĠIJA	TUL TA' ŻMIEN	MATERJALI
Logħba edukattiva: Fatti dwar l-UE	20 minuta	- Kronometru għal kull grupp (tista' tħalli lill-istudenti jużaw smartphone) - Sett ta' 25 kard dwar il-fatti tal-UE għal kull grupp
Preżentazzjoni	10-20 minuta.	- Kompjuter + projector - Preżentazzjoni tal-Modulu 3

OBJETTIVI U #ILIET

ATTITUDNI

- L-istudenti huma heqana li jsiru jafu aktar dwar l-Unjoni Ewropea.

GĦARFIEN


- L-istudenti jafu kif, meta u għaliex inħolqot l-Unjoni Ewropea.
- L-istudenti jafu xi fatti bażiċi dwar l-Unjoni Ewropea.

PASS, PASS

1. IL-LOGĦBA

ISSETTJAR

L-istudenti jilgħbu fi gruppi iżgħar ta' **numri biż-żewġ**, b'minimu ta' erba' studenti (idealment) f'kull grupp. Gruppi ta' sitt studenti huma possibbli wkoll. Kull grupp jilgħab il-logħba fl-istess ħin iżda b'mod separat minn gruppi oħra. Fi ħdan kull grupp iżgħar, l-istudenti jiffurmaw timijiet ta' żewġ persuni. Meta grupp ikollu numru bil-fart ta' studenti, l-għalliem jista' jieħu sehem fil-grupp tagħhom. It-timijiet ipoġġu faċċata ta' xulxin, kif muri hawn taħt.



PROĊESS

- L-għan finali huwa li jinġabar l-akbar ammont ta' kards possibbli b'ħala tim.
- Kull grupp jingħata sett ta' kards. Kull kard fiha mistoqsija u t-tweġiba.
- Persuna waħda tibda (persuna 1A) u żżomm is-sett. Din tagħmel mistoqsija lill-membru tat-tim tagħha, li jpoġġi faċċata tagħha (persuna 1B). Jekk il-persuna 1B twieġeb korrettament, it-tim nru 1 jista' jżomm il-kard u l-persuna 1A taqra l-mistoqsija li jmiss. Jekk il-persuna 1B twieġeb ħażin, il-persuna 1A tpoġġi l-kard fil-qiegħ tas-sett u tagħmel il-mistoqsija li jmiss.
- Dan it-tim ikompli jilgħab sakemm il-kronometru jindika li spiċċa l-ħin tagħhom.
- Il-ħin huwa ta' 30 sekonda.
- Fi tmiem it-30 sekonda, il-plejer jgħaddi s-sett ta' kards lill-persuna fuq ix-xellug tiegħu (persuna 2A), mit-tim 2.
- Hekk jibda l-ħin tat-tieni tim, li matulu l-persuna 2A tagħmel mistoqsijiet lill-persuna 2B. Wara 30 sekonda oħra, is-sett ta' kards jingħadda lill-persuna 1B, u mbagħad jingħadda lill-persuna 2B, eċċ.
- Dan ikompli sakemm jinstabu t-tweġibiet kollha u l-kards kollha jkunu għand wieħed mit-timijiet.
- It-tim li ma jkunx qed jilgħab (jaqra u jwieġeb il-mistoqsijiet) iżomm il-ħin.
- It-tim li jiġbor l-aktar kards (billi jagħti l-akbar numru ta' tweġibiet tajbin), jirbaħ il-logħba.

Kull grupp ikun imissu diversi drabi, daqqa jaqra l-mistoqsijiet, u drabi oħra jweġibhom. B'dan il-mod, il-parteċipanti kollha jaraw il-mistoqsijiet u t-tweġibiet, biex ikunu jistgħu jiftakru l-informazzjoni.

Sommarju veloċi tar-regoli:

- Il-ħin dejjem ikun ta' 30 sekonda. F'dawk it-30 sekonda, tim irid iwieġeb kemm-il mistoqsija possibbli b'mod korrett.
- Tista' ttipprova twieġeb mistoqsija darba biss. Jekk l-ewwel tweġiba tkun ħażina, il-persuna li tagħmel il-mistoqsija tqiegħed il-kard fil-qiegħ tal-pakkett u tmur għall-mistoqsija li jmiss. Għalhekk, il-persuna li twieġeb il-mistoqsija ma titħallix tikkoreġi lilha nfisha.
- Jekk plejer ma jafx it-tweġiba, huwa jgħid "pass". Il-persuna li tagħmel il-mistoqsijiet imbagħad tqiegħed il-kard fil-qiegħ tal-pakkett u tmur għall-mistoqsija li jmiss.
- L-informazzjoni fuq il-kards li tinsab fil-parentesi tkun informazzjoni supplimentari. Il-plejers m'għandhomx bżonn isemmuha biex iwieġbu mistoqsija kif suppost. Kultant ikun hemm diversi modi kif twieġeb tajjeb, f'liema każ ikun hemm sinjal djagonali ("/") bejn il-possibbiltajiet. Waħda mit-tweġibiet possibbli tkun biżżejjed.

XI IDEAT

- Spjega l-logħba b'eżempju.

KONTENUT

Hemm 25 mistoqsija dwar l-istorja tal-Unjoni Ewropea u fatti bażiċi dwarha.

Hemm żewġ mistoqsijiet li jistaqsu dwar il-"president attwali ta'". L-aħjar li tiċċekkja min għandu l-kariga attwalment. Tista' ssib link fit-tabella ta' hawn taħt. L-aħħar żewġ mistoqsijiet huma speċifiċi għal pajjiżek. Tista' ssib ukoll link għat-tweġibiet fit-tabella ta' hawn taħt.

Trid tipprintja l-kards u tikteb it-tweġibiet dwarhom inti stess.

	Mistoqsija	Tweġiba
15.	Min huwa l-President attwali tal-Kunsill Ewropew (summit)? 2019-2024: (Charles) Michel. Ikklikkja hawn biex tiċċekkja jekk għadhiex tajba din it-tweġiba: www.consilium.europa.eu/mt/european-council/president/role/
16.	Min huwa l-President attwali tal-Kummissjoni Ewropea? 2019-2024: (Ursula) von der Leyen. Ikklikkja hawn biex tiċċekkja jekk għadhiex tajba din it-tweġiba: ec.europa.eu/commission/commissioners/2019-2024/president
24.	Kull Stat Membru jinnomina kummissarju wieħed lill-Kummissjoni Ewropea. Min huwa l-kummissarju attwali nominat minn pajjiżek? Ikklikkja hawn biex tara l-lista tal-kummissarji: https://ec.europa.eu/commission/commissioners/2019-2024_mt
25.	Kull Stat Membru jirċievi ċertu numru ta' siġġijiet fil-Parlament Ewropew abbażi tad-daqs tal-popolazzjoni tiegħu. Kemm-il Membru tal-Parlament Ewropew (MPE) għandu bħalissa pajjiżek? Ikklikkja hawn biex tara l-għadd ta' siġġijiet ta' kull Stat Membru: www.europarl.europa.eu/meps/

2. PREŻENTAZZJONI: DISKUSSJONI TAL-GĦARFIEN MIKSUB

ISSETTJAR

L-istudenti jpoġġu bilqiegħda biex ikunu jistgħu faċilment jaraw il-preżentazzjoni.

PROĊESS

Inti tuża l-preżentazzjoni biex tagħti aktar informazzjoni ta' sfond dwar l-istorja tal-Unjoni Ewropea.

LINKS UTLI

- Tista' ssib informazzjoni ta' sfond fuq is-sit web ġenerali tal-UE hawn https://europa.eu/european-union/about-eu/history_mt
- Ikklikkja hawn għall-offerta edukattiva ta' Dar l-Istorja Ewropea: <https://historia-europa.ep.eu/mt/edukaturi-u-ghalliem>
- Il-preżentazzjoni "l-UE fi slides" turi diversi aspetti tal-Unjoni Ewropea: https://europa.eu/european-union/documents-publications/slide-presentations_mt
- Dwar x'tagħmel l-Ewropa għalija.eu hemm ħafna eżempji ta' kif l-UE taffettwa l-ħajja tagħna ta' kuljum: <https://what-europe-does-for-me.eu>

